

Brussell, 29 ta' Novembru 2021  
(OR. en)

14428/21

JEUN 143  
EDUC 393  
SOC 700  
EMPL 525

### EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 13700/21	
Suġġett:	Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2022-2024

---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2022-2024, kif approvata mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) fil-laqgħa tiegħu tad-29 u t-30 ta' Novembru 2021.

**Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2022-2024**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET TAL-ISTATI MEMBRI MLAQQGħIN FIL-KUNSILL

FILWAQT LI JFAKKRU LI

1. Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh: L-istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027, tistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea, fl-oqsma tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, biex jimplimentaw b'mod effettiv l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ madwar l-UE u fl-Istati Membri permezz ta' strumenti speċifiċi – inkluż il-Pjanijiet ta' Ħidma tal-UE għaż-Żgħażaġħ.
2. L-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ issegwi perijodi ta' ħidma triennali tul żewġ triji ta' presidenzi. Il-prijoritajiet u l-azzjonijiet għall-perijodi ta' ħidma rispettivi huma ppreżentati fil-Pjanijiet ta' Ħidma tal-UE għaż-Żgħażaġħ. Dawn il-pjanijiet għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipji gwida u l-prijoritajiet ta' din l-Istrateġija, u jindirizzaw kwistjonijiet taż-żgħażaġh f'konfigurazzjonijiet u korpi preparatorji oħra tal-Kunsill fl-oqsma ta' politika rilevanti.
3. Il-Pjan ta' Ħidma tal-UE huwa strument li jaħdem bħala boxxla u jiggwida lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-partijiet ikkonċernati kollha biex jilħqu l-oġġettivi tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ.

## JIEĦDU NOTA LI

4. Il-Kunsill jistipula dawn il-Pjanijiet ta' Ħidma tal-UE abbażi ta' informazzjoni preliminari rċevuta mit-triju ta' presidenzi mill-pajjiżi li ġejjin: Franza, ir-Repubblika Ċeka u l-Iżvezja, kif ukoll Spanja, il-Belġju u l-Ungerija.
5. Il-prijoritajiet u l-azzjonijiet ippreżentati f'dan il-programm ta' ħidma triennali (imħejji mit-triju ta' presidenzi matul il-perijodu 2022-2024, fl-Anness għall-Anness) għandhom jiġu riveduti matul l-ewwel nofs tal-2023 u r-reviżjoni ser tiġi approvata sal-aħħar ta' Ġunju 2023 mill-Kunsill u l-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill.
6. Il-Kummissjoni tista' tappoġġa u tikkomplementa azzjonijiet mill-Istati Membri deskritti f'dan il-Pjan ta' Ħidma, b'mod partikolari billi tinkoraġġixxi l-kooperazzjoni, tappoġġa l-mobbiltà taż-żgħażaġh u ta' dawk li jaħdmu maż-żgħażaġh, u billi tinkoraġġixxi l-parteciġazzjoni taż-żgħażaġh fil-ħajja demokratika. L-għodod żviluppati biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ jistgħu jiġu mmobilizzati kif xieraq: dawn jinkludu d-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ, il-Pjattaforma tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ, il-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ, il-Koordinatur tal-UE għaż-Żgħażaġħ u attivitajiet ta' taġħlim reċiproku (gruppi ta' esperti, attivitajiet ta' taġħlim bejn il-pari u konsulenza bejn il-pari). Dan huwa mirfud minn aġġornamenti regolari tal-Pjanifikaturi tal-Attivitajiet Nazzjonali Futuri, il-Wiki taż-Żgħażaġħ, l-indikaturi taż-żgħażaġh, sħarriġ, studji u riċerka. L-appoġġ huwa msaħħaħ aktar permezz ta' sħubijiet u kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, b'mod partikolari l-Kunsill tal-Ewropa, u permezz ta' programmi fil-qasam taż-żgħażaġh (b'mod partikolari l-Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà).
7. Punt fokali partikolari ta' dan il-Pjan ta' Ħidma huwa s-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ fl-2022, li l-eżiti u l-legat taġħha ser jinżammu u jiġu promossi mill-Pjan sal-2024. Dan ser ikompli jstimula liż-żgħażaġh jippreżentaw kontributi għat-tiswir tal-iżvilupp tal-Unjoni u tas-soċjetà inġenerali, inkluż bħala parti mill-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa u l-inizjattiva tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida. Din ser iżid l-għarfien dwar l-opportunitajiet għaż-żgħażaġh kif ukoll l-appoġġ ipprovdut għalihom fil-livell tal-UE, dak nazzjonali, reġjonali u lokali.

Pjan ta' Ħidma għall-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2022-2024<sup>1</sup>

Data	Metodu ta' ħidma/strument	Mira indikattiva u riżultati	Għanijiet relatati għaż-żgħażaġh	Rabta mal-Qafas għall-istabbiliment ta' Aġenda Ewropea għall-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ <sup>2</sup>	Propost minn
<p>FR, CZ, SE</p> <p>Suġġett ġenerali: "Naħdmu flimkien għal Ewropa sostenibbli u inklużiva"</p> <p>Għanijiet għaż-Żgħażaġħ Ewropej: #3 SOĊJETAJIET INKLUŻIVI u #10 EWROPA EKOLOĠIKA U SOSTENIBBLI</p>					

<sup>1</sup> Ikkompilat mill-Presidenza SI abbażi tal-"Azzjonijiet possibbli għal Pjan ta' Ħidma futur tal-UE għaż-Żgħażaġħ għall-2019-2021" (ST-9264-2018-ADD-1-EN) tal-Kummissjoni u l-informazzjoni preliminari riċevuta mit-triju ta' presidenzi: FR-CZ-SE u ES-BE-HU.

<sup>2</sup> Ara r-Risoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar il-Qafas għall-istabbiliment ta' Aġenda Ewropea għall-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ (2020/C 415/01).

2022 (l-ewwel nofs)	( <i>poss.</i> ) Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-involviment taż-żgħażaġh għal żvilupp sostenibbli (titolu proviżorju)	Adozzjoni mill-Kunsill  Thegħgig ta' dawk li jfasslu l-politika u l-partijiet ikkonċernati fis-settur taż-żgħażaġh biex iqisu l-fehmiet taż-żgħażaġh u jippermettulhom ikunu atturi fil-politiki pubbliċi u l-programmi relatati mal-iżvilupp sostenibbli u l-għlieda kontra t-tibdil fil-klima.	Ewropa Ekoloġika Sostenibbli	§10a	FR
2022 (l-ewwel nofs)	( <i>poss.</i> ) Aġġornament tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-mobbiltà ta' voluntiera żgħażaġh madwar l-Unjoni Ewropea	Adozzjoni mill-Kunsill  Tisħiħ tal-potenzjal tal-Programmi Ewropej għaż-Żgħażaġħ biex jilħqu liż-żgħażaġh u jgħinuhom jibnu komunità.	Spazju u parteċipazzjoni għal kulħadd  Konnessjoni tal-UE maż-Żgħażaġħ  Organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u Programmi Ewropej		FR, (COM)
2022 (l-ewwel nofs)	( <i>poss.</i> ) Laqgħa informali tal-ministri għaż-żgħażaġh u għall-educazzjoni	Skambji tal-aħjar prattiki.  Involviment taż-żgħażaġh fi kwistjonijiet ta' żvilupp sostenibbli.	Ewropa Ekoloġika Sostenibbli	§10a	FR
2022 (l-ewwel nofs)	( <i>poss.</i> ) Konferenza/seminar dwar il-parteeipazzjoni taż-	Skambji tal-aħjar prattiki bejn l-esperti dwar il-parteeipazzjoni taż-żgħażaġh.	Spazju u parteċipazzjoni għal kulħadd	§10e	FR

	żgħażaġh	Segwitu għat-tmien ċiklu u għall-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa.	Konnessjoni tal-UE maż-Żgħażaġħ		
2022 (it-tieni nofs)	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-trawwim tad-dimensjoni interġenerazzjonali fit-tfassil tal-politika dwar ż-żgħażaġh (titolu proviżorju)	Adozzjoni mill-Kunsill  Integrazzjoni tat-tħassib taż-żgħażaġh tal-lum u tal-ġenerazzjonijiet futuri b'mod aktar sistematiku fit-tfassil tal-politika.  Iffaċilitar tar-rikonoxximent tal-importanza tal-promozzjoni tad-djalogu interġenerazzjonali għat-trawwim tas-solidarjetà u l-ġustizzja interġenerazzjonali għal Ewropa b'saħħitha, reżiljenti, ekoloġika u inklużiva.	Soċjetajiet inklużivi		CZ
2023 (l-ewwel nofs)	( <i>poss.</i> ) Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-dimensjoni soċjali ta' Ewropa ekoloġika sostenibbli	Adozzjoni mill-Kunsill  Rakkomandazzjonijiet ta' politika dwar id-dimensjoni soċjali ta' Ewropa ekoloġika sostenibbli li tippromwovi l-inklużjoni tal-ilħna u l-ideat taż-żgħażaġh kollha dwar l-iżvilupp sostenibbli.	Ewropa Ekoloġika Sostenibbli  Soċjetajiet inklużivi	§10a  §26	SE

2023 nofs)	(l-ewwel	<i>(poss.)</i> Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-eżiti tad-disa' ċiklu tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ	Adozzjoni mill-Kunsill  Sommarju, riflessjoni u evalwazzjoni tad-disa' ċiklu tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ. Tisħiħ tal-kapaċità li l-informazzjoni tasal għand iż-żgħażaġh emarġinati, żvilupp ulterjuri tal-proċess/il-governanza tal-Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ u d-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ għat-titjib tal-inklużjoni u r-rispons.	Ewropa Ekoloġika Sostenibbli  Soċjetajiet inklużivi  Informazzjoni u djalogu kostruttiv  Spazju u parteċipazzjoni għal kulħadd		SE
2023 nofs)	(l-ewwel	<i>(poss)</i>  Reviżjoni tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2022-2024	Reviżjoni tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2022-2024	Soċjetajiet inklużivi		SE

ES, BE, HU					
Suġġett ġenerali					
Għan għaż-Żgħażaġħ Ewropej: #3 SOĊJETAJIET INKLUŻIVI <sup>3</sup>					
Data	Metodu ta' ħidma/Strument	Mira indikattiva u riżultati	Għanijiet Relatati għaż-Żgħażaġħ	Rabta mal-Aġenda Ewropea	Propost minn

<sup>3</sup> [https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:42018Y1218\(01\)&from=NL](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:42018Y1218(01)&from=NL)

Sfond: Terz taż-żgħażaġh fl-Ewropa jinsabu friskju tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali speċjalment dawk li huma barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET)). Ħafna ma għandhomx aċċess għad-drittijiet soċjali tagħhom, jesperjenzaw inugwaljanzi fis-soċjetà jew sempliċiment jitħallew jibqgħu lura. Ħafna jkomplu jiffaċċaw diskriminazzjoni multipla, jesperjenzaw preġudizzju u atti kriminali ta' preġudizzju. Barra minn hekk, fenomeni migratorji ġodda ħolqu diversi sfidi soċjali u ta' inklużjoni (inkluż id-distakk diġitali) għal parteċipanti żgħażaġh ġodda. Għalhekk, huwa kruċjali li titwettaq ħidma favur ir-rispett tad-drittijiet u l-inklużjoni soċjali taż-żgħażaġh kollha fl-Ewropa, inkluż dawk l-aktar emarġinati u esklużi biex jiġi onorat l-impenn tal-Unjoni li ħadd ma jitħalla jibqa' lura.

Għan: Tiġi permessa, żgurata u ssalvagwardjata l-inklużjoni taż-żgħażaġh kollha fis-soċjetà.

Miri:

Tiġi pprovduta protezzjoni legali u jiġu infurzati strumenti legali internazzjonali għall-ġlieda kontra kull tip ta' diskriminazzjoni, inugwaljanza u att ispirat mill-mibegħda, filwaqt li jiġi rikonossut li ż-żgħażaġh jistgħu jkunu soġġetti għad-diskriminazzjoni fil-forom multipli tagħha.

Tissaħħaħ il-kapaċità li l-informazzjoni tasal għand iż-żgħażaġh b'inqas opportunitajiet jew dawk li tħallew jibqgħu lura, kif ukoll il-kuntatt u l-komunikazzjoni magħhom, biex jiġi żgurat li huma konxji tal-opportunitajiet u l-attivitajiet disponibbli għalihom u tal-ispazji fejn huma parti mis-soċjetà u li jistgħu jinvolvu ruħhom fihom, u biex jiġi żgurat li jkollhom aċċess għalihom.

Jiġi żgurat li ż-żgħażaġh kollha b'inqas opportunitajiet jew dawk li tħallew jibqgħu lura jkollhom aċċess ugwali għal ambjenti u opportunitajiet ta' taġlim/edukazzjoni formali u mhux formali, filwaqt li jiġu indirizzati d-dimensjonijiet kollha tal-inklużjoni.

Jissaħħu l-kapaċitajiet tal-edukaturi li jaħdmu maż-żgħażaġh emarġinati u dawk li tħallew jibqgħu lura.

Jiġu pprovduti aktar spazji, opportunitajiet, riżorsi u programmi biex jitrawmu d-djalogu, il-fehim u l-koeżjoni soċjali, u jiġu miġġielda d-diskriminazzjoni, il-polarizzazzjoni u s-segregazzjoni.

Jiġu estiżi l-aċċess u l-intitolament għal opportunitajiet u esperjenzi rilevanti u sinifikanti.

				għall-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ <sup>4</sup>	
2023 (it-tieni nofs)	( <i>poss.</i> ) Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar akkomodazzjoni deċenti u affordabbli għaż-żgħażaġh.	Adozzjoni mill-Kunsill.  Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar akkomodazzjoni deċenti u affordabbli għaż-żgħażaġh.	Soċjetajiet Inklużivi		ES
2023 (it-tieni nofs)	( <i>poss.</i> ) Konferenza/Seminar dwar impjegi stabbli u mħallsa tajjeb għaż-żgħażaġh.	( <i>poss.</i> ) Rakkomandazzjonijiet ta' politika  Skambju tal-aħjar prattiki.	Soċjetajiet Inklużivi		ES
2023 (it-tieni nofs)	( <i>poss.</i> ) Konferenza/seminar dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fost iż-żgħażaġh.	( <i>poss.</i> ) Rakkomandazzjonijiet ta' politika  Skambju tal-aħjar prattiki.	Soċjetajiet Inklużivi		ES

<sup>4</sup> Ara r-Risoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar il-Qafas għall-istabbiliment ta' Aġenda Ewropea għall-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ (2020/C 415/01).

2023 (it-tieni nofs)	( <i>poss.</i> ) Konferenza/seminar dwar l-effetti tat-tibdil fil-klima fuq l-inklużjoni.	( <i>poss.</i> ) Rakkomandazzjonijiet ta' politika Skambji tal-aħjar prattiki.	Soċjetajiet Inklużivi		ES
2023 (it-tieni nofs)	( <i>poss.</i> ) Konferenza/Seminar dwar l-opportunitajiet għaż-żgħażaġh fiż-żoni rurali.	( <i>poss.</i> ) Rakkomandazzjonijiet ta' politika Skambji tal-aħjar prattiki.	Soċjetajiet Inklużivi		ES
2023 (it-tieni nofs)	Is-suġġett għandu jiġi determinat fost dawk identifikati mill-Konferenzi/seminars	Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ	Soċjetajiet Inklużivi		ES

2023 (it-tieni nofs)	( <i>poss.</i> ) Konferenza/seminar dwar id-drittijiet taż-żgħażaġh LGBTI.	( <i>poss.</i> ) Rakkomandazzjonijiet ta' politika Skambju tal-aħjar prattiki.	Soċjetajiet Inklużivi		ES
2023 (it-tieni nofs)	( <i>poss.</i> ) Konferenza/Seminar dwar id-drittijiet taż-żgħażaġh b'diżabbiltà.	( <i>poss.</i> ) Rakkomandazzjonijiet ta' politika Skambju tal-aħjar prattiki.			ES
2023 (it-tieni nofs)	( <i>poss.</i> ) Konferenza/seminar dwar l-implikazzjonijiet tal-Aġenda 2030 u l-futur għaż-żgħażaġh.	( <i>poss.</i> ) Rakkomandazzjonijiet ta' politika Skambju tal-aħjar prattiki.	Soċjetajiet Inklużivi		ES

2023 (it-tieni nofs)	( <i>poss.</i> ) Konferenza/seminar dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni dwar il-mobbiltà tal-voluntiera żgħażaġh fl-UE	( <i>poss.</i> ) Rakkomandazzjonijiet ta' politika  Skambji ta' esperjenzi	Soċjetajiet inklużivi  Konnessjoni tal-UE maż-Żgħażaġħ Programmi Ewropej għaż-żgħażaġh		COM u ES
2024 (l-ewwel nofs)	( <i>poss.</i> ) Konferenza informali tal-ministri jew laqgħa ta' livell għoli	Evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2019-2027 <sup>5</sup>	Għanijiet Kollha għaż-Żgħażaġħ	§13 (a) Awtonomizzazzjoni/kwalità, innovazzjoni, rikonoxximent §36	COM u BE

<sup>5</sup> Il-Grupp ta' Riċerkaturi Ewropej dwar iż-Żgħażaġħ (PEYR) għandu jipprovdi kontribut dwar l-evalwazzjoni tal-proċess u l-metodoloġija taċ-ċikli preċedenti tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ u dwar kif l-Għanijiet tal-UE għaż-Żgħażaġħ ġew koperti sabiex it-tieni nofs tal-Istrateġija jiġi ppjanat u mwettaq aħjar.

2024 (l-ewwel nofs)	<i>(poss.)</i> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar li ħadd ma jitħalla jibqa' lura (?) titolu preliminari	Adozzjoni mill-Kunsill  Konklużjonijiet tal-Kunsill "dwar li ħadd ma jitħalla jibqa' lura: inwittu t-triq lejn l-inklużjoni soċjali taż-żgħażaġh kollha" <sup>6</sup>	Soċjetajiet Inklużivi	§3 §4 §5 §6 §10 (d) §13 (b) §16 §19 §20 §21 §22 §33	BE
---------------------	---	---	-----------------------	--	----

<sup>6</sup> Pass 'il quddiem possibbli fil-kooperazzjoni transsettorjali mas-setturi soċjali, tal-impjiegi, tal-edukazzjoni, tas-saħħa eċċ. Dokumenti ta' sfond mitluba mill-PEYR.  
N.B. Ursula Von der Leyen enfasizzat fid-diskors tagħha dwar l-Istat tal-Unjoni l-ħtieġa li nappoġġaw lil dawk iż-żgħażaġh "*li jaqgħu lura*" (spazji u pontijiet?) – (INVOLVIMENT U KONNESSJONI).

2024 (l-ewwel nofs)	<i>(poss.)</i> Konferenza dwar l-inklużjoni soċjali taż-żgħażaġh	Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ <sup>7</sup>	Soċjetajiet Inklużivi	§3 §4 §5 §6 §10 (d) §13 (b) §16 §19 §20 §21 §22 §33	BE
---------------------	--	---	-----------------------	--	----

<sup>7</sup> Appoġġ mitlub mill-PEYR.

2024 (l-ewwel nofs)	<p>(<i>poss.</i>) Konferenza/seminar</p> <p>Attivitajiet ta' tagħlim bejn il-pari dwar il-ħidma lokali fost iż-żgħażaġh</p> <p>(Huwa fejn normalment tibda l-esperjenza taż-żgħażaġh fil-qasam tal-ħidma fost iż-żgħażaġh, u huwa fejn normalment isseħħ il-biċċa l-kbira tal-ħidma fost iż-żgħażaġh.)</p>	<p>Rakkomandazzjonijiet ta' politika</p> <p>Kompendju tal-aħjar prattiki</p> <p>Allinjament mal-Aġenda Ewropea għall-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ/Proċess ta' Bonn</p> <p>B'kooperazzjoni ma' "Europe goes local" u "Democracy reloading" (għad irid jiġi kkonfermat)</p> <p>Singposts for the Future [Sinjalizzazzjoni għall-Futur, dikjarazzjoni mhux disponibbli bil-Malti] fejn l-"offerta tal-ħidma fost iż-żgħażaġh fuq livell lokali" hija delineata bħala l-ewwel punt minn tlieta taħt l-intestatura "Forniment tal-ħidma fost iż-żgħażaġh". Is-seba' punt tad-Dikjarazzjoni Finali tat-tielet Konvenzjoni Ewropea dwar il-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ jgħid li "offerta bażika ta' ħidma fost iż-żgħażaġh għandha għalhekk tinkludi strateġija ċara biex jissaħħu l-inklużjoni soċjali u d-diversità fost iż-żgħażaġh parteċipanti"<sup>8</sup>.</p> <p>Evalwazzjoni ta' fejn ninsabu fl-implimentazzjoni ta' Signposts for the Future u biex nidentifikaw l-oġettivi għall-Konvenzjoni Ewropea li jmiss dwar il-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ.</p>	<p>Organizzazzjonijiet taż-Żgħażaġħ u Programmi Ewropej</p> <p>Soċjetajiet Inklużivi</p>	<p>§3</p> <p>§8</p> <p>§10 (a)</p> <p>§10 (c)</p> <p>§10 (e)</p> <p>§13 (b)</p> <p>§13 (c)</p> <p>§14</p> <p>§16</p> <p>§17</p> <p>§18</p> <p>§19</p> <p>§20</p> <p>§21</p> <p>§22</p> <p>§23</p> <p>§24</p> <p>§25</p> <p>§27</p> <p>§34</p> <p>§38</p> <p>§39</p>	BE
---------------------	--	---	--	---	----

<sup>8</sup> B'kooperazzjoni mill-qrib mas-Sħubija bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill tal-Ewropa fil-qasam taż-żgħażaġh u l-Komunità ta' prattika dwar l-Aġenda Ewropea għall-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ (EYWA). Intalab ukoll appoġġ mingħand il-PEYR.

2024 (l-ewwel nofs)	( <i>poss.</i> ) Konferenza/seminar dwar bliet adattati għat-tfal (b'kooperazzjoni mal-InterCity Youth)	( <i>poss.</i> ) Rakkomandazzjonijiet ta' politika  Skambji tal-aħjar Prattiki (skambju ta' informazzjoni dwar ix-xogħol rigward it-tikketta tal-bliet favur iż-żgħażaġh u l-bliet kapitali Ewropej taż-żgħażaġh)  F'konformità ma': ( <i>poss.</i> ) konferenza/seminar/attivitajiet ta' taġħlim bejn il-pari dwar il-ħidma lokali fost iż-żgħażaġh.	Spazju u parteċipazzjoni għal kulħadd  Soċjetajiet Inklużivi		BE
2024 (l-ewwel nofs)	( <i>poss.</i> ) Konferenza/seminar dwar "id-dritt għal-logħob" u r-rabta mat-tagħlim (tagħlim formali, mhux formali u informali)	( <i>poss.</i> ) Rakkomandazzjonijiet ta' politika  Skambju tal-aħjar Prattiki  Rabta possibbli mal-konferenza/seminar/attivitajiet ta' taġħlim bejn il-pari dwar il-ħidma lokali fost iż-żgħażaġh	Spazju u parteċipazzjoni għal kulħadd  Tagħlim ta' Kwalità  Soċjetajiet Inklużivi	§1 §2 §4 §5	BE

2024 (l-ewwel nofs)	<i>(poss.)</i> Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-ħidma lokali fost iż-żgħażaġh	Adozzjoni mill-Kunsill  Promozzjoni tal-ħidma lokali fost iż-żgħażaġh (prattika) <sup>9</sup>	Għanijiet Kollha għaż-Żgħażaġħ	§3 §8 §10 (a) §10 (c) §10 (e) §13 (b) §13 (c) §14 §16 §17 §18 §19 §20 §21 §22 §23 §24 §25 §27 §34 §38 §39	BE
---------------------	---	---	--------------------------------	--	----

<sup>9</sup> BE tifhem li jista' jkun hemm tensjoni bejn il-kompetenza tal-UE u l-prinċipju tas-sussidjarjetà iżda l-proċess ta' Bonn jirrigwarda prinċipalment kif approċċ minn fuq għal isfel jista' jkun rikonċiljat ma' approċċ minn isfel għal fuq u viċi versa. L-Unjoni tista' tassisti l-ħidma lokali fost iż-żgħażaġh permezz ta' azzjonijiet ta' appoġġ, ikkoordinati jew supplimentari.

2024 (1-ewwel nofs)	( <i>poss.</i> ) Konferenza/seminar dwar ir-rikonoxximent tal-kompetenzi / l-edukazzjoni u t-taħriġ (skont il-fokus u t-tkomplija tal-ħidma tal-Presidenzi FI jew FR?)			§14 §18 §20 §21  # 5 tas-Signposts for the Future	BE
2024 (1-ewwel nofs)	( <i>poss.</i> ) Konferenza/seminar dwar l-evalwazzjoni u l-aġġornament tal-aġenda Ewropea u internazzjonali dwar it-tfal, iż-żgħażaġh u d-drittijiet tat-tfal	Evalwazzjoni u rakkomandazzjonijiet  Adozzjoni mill-Kunsill  Aġġornament tal-konklużjonijiet tal-Kunsill	Informazzjoni u djalogu kostruttiv		BE (u <i>poss.</i> COM)
2024 (1-ewwel nofs)	( <i>poss.</i> ) Konferenza/seminar dwar is-suġġetti li jmiss: mapep taż-żgħażaġh; monitoraġġ tal-ħin liberu; riċerka interessanti mill-JOP (il-Pjattaforma ta' Riċerka taż-Żgħażaġħ).	( <i>poss.</i> ) Rakkomandazzjonijiet ta' politika  Skambji tal-aħjar Prattiki (eż. dwar indikaturi nazzjonali għall-politika dwar iż-żgħażaġh b'rabta mat-Tabella il-ġdida tal-UE)		§10 (c) §39	BE

2024 (it-tieni nofs)	( <i>poss.</i> ) Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-għaxar ċiklu tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ	Adozzjoni mill-Kunsill	Spazju u parteċipazzjoni għal kulħadd	§1 §2 §6 §21 §22	HU
2024 (it-tieni nofs)	( <i>poss.</i> ) Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħolqien ta' kundizzjonijiet li jippermettu liż-żgħażaġh jiksbu l-potenzjal tagħhom f'żoni rurali.	Adozzjoni mill-Kunsill	Appoġġ għall-iżvilupp taż-żgħażaġh rurali	§1 §2 §5 §13 (d) §21 §26	HU
2024 (it-tieni nofs)	Konferenza dwar il-prijoritajiet tat-triju ta' presidenzi / metodu miftuħ ta' koordinazzjoni	Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ u laqgħa tad-DĠ Eżitu finali taċ-ċiklu tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ taħt it-triju ta' presidenzi ES-BE-HU	Soċjetajiet inklużivi Spazju u parteċipazzjoni għal kulħadd Appoġġ għall-iżvilupp taż-żgħażaġh rurali	§1 §2 §6 §13 (b) §19 §21	HU

2024 (it-tieni nofs)	(Konferenza) Il-ġabra fil-qosor, ir-rieżami u l-evalwazzjoni tal-avveniment għall-ewwel 10 ċikli tad-Djalogu (Strutturat) tal-UE maż-Żgħażaġħ.	Ħarsa ġenerali lejn l-10 ċikli tad-Djalogu (Strutturat) tal-UE maż-Żgħażaġħ	Spazju u parteċipazzjoni għal kulħadd  Informazzjoni u djalogu kostruttiv	§1 §2 §6 §26	HU, ES, BE, (poss. COM)
2024 (it-tieni nofs)	(Seminar) Għodod biex jinħolqu kundizzjonijiet li jippermettu liż-żgħażaġh jiksbu l-potenzjal tagħhom f'żoni rurali.	Skambji tal-aħjar prattiki fil-livell intersettorjali u interistituzzjonali  Iffurmar ta' rakkomandazzjonijiet.	Appoġġ għall-iżvilupp taż-żgħażaġh rurali  Spazju u parteċipazzjoni għal kulħadd  Organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u programmi Ewropej taż-żgħażaġh  Tagħlim ta' Kwalità.	§1 §5 §11 §13 (a) §24 §33 §37.	HU (u poss. COM)